## Jum l-Armistizju, 1936 *

Ġiebet darb'oħra r-rota tas-sena mad-dawra meqjusa
da' l-Jum tat-Tifkiriet !
neħħa l-istar darb'oħra ħusbien minfuq wiċċu l-Imgħoddi:
fejn issa hemm Djar l-Imwiet
l-għajnejn tal-moħħ, minflokhom, jaraw it-taqbid li nissilhom,
tal-Gwerra kollha d-Debħa,
sakemm minn xfar l-għajnejn mitbuqa, għalkemm bosta
id-dmugħ johroġ bir-rebħa. (mrażżna.
F'din l-Art li m'hi ta' Ħadd, nistħajlu darb'oħra trinċieri,
sparar, duħħan, tiġrib;
darb'oħra haw' qegħdin aħna, bla kelma, bil·ġieħ ta' kull sena,
'mma—s-Sliem mhux iżjed qrib.

Dun Karm.

11th November, 1936
10. 11 a.m.

## Armistice Day, 1936

*Once more the cycle of the year, revolving, brings*
*This Day of Memories !*
*Once more the veil, back from her face, the sad Past flings:*
*Where now are Cemeteries*
*The mind's eye sees, instead, the scenes that made them such,*
*—Sees all War's Holocaust—*
*Until through close-pressed lids,—be they however much*
*Held back—the tears are forced !*
*Once more we glimpse those deep-dug trenches, No-Man's Land,*
*Cannon - smoke, barbed wire !*
*Once more in yearly, silent homage, here we stand:*
*Yet, — Peace comes no nigher !*

May Butcher.

* Dawn il-versi qlibthom fil-Malti mill-Ingliż ta' Miss May Butcher, miġjubin hawn wkoll u li dehru fid-"Daily Malta Chronicle" tal-11 ta' Novembru li għadda.

Qlibthom fil-Malti, għax għoġbuni, u għoġbuni, għax deherli li f'inkwatru ċkejken jiġbru l-qagħda bla sliem ta' l-Ewropa, u kont sa ngħid, tad-dinja tal-lum.

Dehru f'"Il-Malti" bil-permess u bil-pjaċir ta' Miss Butcher.

## L-Iskrapan Maltin

## fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta

F'dana l-Qari, xi ħames snin ilu, konna ġibna kitba fuq is-Sengħa ta' l-Iskrapan Maltin fl-ewwel snin tal-Ħakma Ingliża f'Malta. Wara, iltqajna ma' bosta tagħrif ieħor li jissokta jagħti dawl aktar dwar kif kienet il-qagħda ta' dina s-Sengħa fiż-żmien li semmejna. Ma' dan, ksibna wkoll kotra ta' tagħrif ieħor dwar xi Snajja oħra Iżda l-lum, biex ma ntawlux, sa nġibu biss ma' dak li ntqajna dwar is-Sengħa ta' l-Iskrapan.

---

Bħalma konna għedna, is-Snajja' dari kellhom il-Konslijiet tagħhom, kull Sengħa bil-Konslu għaliha.

L-isem ta' Konslu tas-Sengħa, barra milli kien ta' ġieħ għal min jiksbu, kien ta' qligħ ukoll għal dak li jkun. F'kull ħaġa li tinqala', dwar is-Sengħa tiegħu, kien jiġi msejjaħ il-Konslu biex jaqta' t-tilwim hu. Ukoll talli wieħed kien jagħmel l-eżami għandu, biex isir Imgħallem, kien jieħu xi ħaġa ta' idejh.

Fi żmien il-Franċiżi, dawn l-Għaqdiet tas-Snajja' taħt il-ħarsien ta' xi Qaddis, tista' tgħid, kienu sfaw fix-xejn. Iżda mal-qawma tal-Maltin għall-Franċiżi, u l-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta, reġgħu bdew jieħdu r-ruħ u jqumu fuq tagħhom.

L-ewwel Konslu ta' l-Iskrapar li sibna msemmi fi żmien l-Ingliżi, kien jismu Salvu Danza. Dan baqa' jagħmilha ta' Konslu għal bosta snin. Biex konslu jiġi magħruf mill-Gvern, ħalli jkun jista' jaqdi dmiru fis-Sengħa tiegħu, qabel kien irid jitlob il-Gvernatur iwettqu f'dina l-ħatra. Għalhekk Danza għamel talba lill-Gvernatur. Fiha qal li fil-25 ta' Ottubru, 1801, saret Konsulta mill-Imgħallmin Skrapan tal-Belt. F'din il-Konsulta, sħabu ħatruh b'Konslu tagħhom b'dawk is-setgħat u qligħ li mdorrija jaqilgħu l-Konslijiet ta' l-Iskrapan. Ma' dawn hi magħduda wkoll is-setgħa li jista' jieħu skud minn għand kull wieħed li jrid jagħmel l-eżami biex jgħaddi u jsir Imgħallem Skarpan. Dan l-iskud kien jieħdu tax-xogħol li jkollu f'dil-biċċa ta' l-eżami. Għalhekk talab lill-Gvernatur biex iwettqu f'dil-ħedma ta' Konslu, bis-setgħat u l-qligħ li semma, kif hekk ġie maqtugħ fil-Konsulta li saret.